**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 22.1.12: IT-TIELET ĦADD MATUL IS-SENA.**
Inkomplu bit-talb tagħna għall-Għaqda tal-Knejjes Insara.

**JUM L-ART IMQADDSA**

Illum ikun hawn fil-parroċċa il-Patrijiet Franġiskani li jieħdu ħsieb l-postijiet qaddisa fl-Art Imqaddsa.
Il-ġbir li ssir llum fil-knisja waqt il-quddies ikun kollu għal din il-Missjoni tagħhom fl-Art Imqaddsa.

**ANNIVERSARJU TAL-ISQOF**

Illum huwa wkoll is-sitt Anniversarju mill-Ordinazzjoni Episkopali tal-E.T. Mons. Mario Grech.
Filwaqt li nirrikmanda ħafna li noffru t-talb tagħna għalih għandna ngħinuh bil-kollaborazzjoni tagħna fit-tmexxija tal-merħla afdata f'idejh.

**KORS GĦALL-GĦARAJJES**

**Fil-11.15a.m.** ikollna laqgħa oħra ta' formazzjoni fil-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ, għall-għarajjes.
Din il-laqgħa tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali.

**IT-TLIETA, 23.1.12: LECTIO DIVINA**
**Fis-6.30p.m**. ikun hawn il-laqgha tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla (Lectio Divina). Din tkun fid-Dar Parrokkjali.

**JUM IL-ĠENITURI**

Se jinżamm Jum il-Ġenituri tat-tfal subien mill-Year IV sal-Form I li jattendu l-Museum filgħaxija.
**Fis-7.00p.m.** Ser issir laqgħa għall-Ġenituri kollha li għandhom dawn it-tfal li jattendu d-duttrina fil-Museum.

**L-ERBGĦA. 25.1.12: FESTA TAL-KONVERŻJONI TAL-APPOSTLU MISSIERNA SAN PAWL.**
Xieraq li llum nieħdu sehem fil-quddiesa.

**Il-ĠIMGĦA, 27.1.12: KONFERENZA DJOĊESANA**
Il-Kummissjoni Djoċesana Familja, qed torganizza konferenza djoċesana bis-suġġett "***Familja soda, soċjeta' b'saħħitha***". Din il-konferenza ser issir fis-27 ta' Jannar, bejn il-5.00p.m. sat-8.00p.m. f'Villa Fiorita, limiti ta' Marsalforn. Il-kelliem ewlieni ser ikun Don Carlo Bresciani, Psikoterapista tal-familja. Kulħadd huwa mistieden li jattendi. Ikun hemm min jieħdu ħsieb it-tfal.
**Prayer meeting:** Fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġwann Bosco ser isir prayer meeting fl-Oratorju Don Bosco għaż-Żgħażagħ kollha. Tluq mill-Pjazza tal-Knisja fis-7.30p.m.
**S-SIBT, 28.1.12: Fl-4.30pm.** Mons. Isqof se jmexxi ċelebrazzjoni li fiha jiġu ppreżentati t-trabi fis-Santwarju ta' Pinu. Il-ġenituri li jixtiequ jippreżentaw lil uliedhom għandhom ikunu fil-ħin fis-Santwarju.
**Fis-6.00p.m.** Quddiesa bis-sehem taż-Żgħażagħ fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġwann Bosco, patrun tat-Tfal u taż-Żgħażagħ.

**ADORAZZJONI GĦALL-QDUSIJA TAL-PERSUNI KKONSAGRATI**

Illum se ssir l-adorazzjoni għall-qdusija tal-persuni kkonsagrati li dan ix-xahar se ssir fil-parroċċa tan-Nadur. Tibda fis-6.30p.m. Ix-Xarabank mill-Parroċċa titlaq fis-6.00p.m.

**IL-ĦADD, 29.1.12: IR-RABA' ĦADD MATUL IS-SENA.**

**JUM IĊ-ĊENTRU PARROKKJALI**

**JUM IL-MORDA BIL-LEBBRA**

Fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġwann Bosco, patrun tat-Tfal u taż-Żgħażagħ, illum qed jinżamm Jum iċ-Ċentru Parrokkjali.

**HIGH TEA:** Il-High Tea li jmiss se isir nhar it-Tlieta, 31 ta' Jannar fis-7.00p.m. fid-Dar Parrokkjali.